MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 26/2003

**Paul Polidano**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Paul Polidano a fol. 1 tal-process datat 8 t'Ottubru 2003, fejn gie premess:-

1. Illi b'decizjoni tas-26 ta' Settembru, 2003, il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fil-kaz fl-ismijiet **"Paul Polidano vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (ara Dok "PP1" anness) iddecieda li jichad l-appell u jikkonferma l-Avviz biex tieqaf u ta' twettiq bin-numru 202/02 li kien jagra *"Ghandek zvilupp minghajr permess li jikkonsisti fil-bini ta' villa barra z-zona ta' l-Izvilupp";*

2. Illi r-rikorrent ihossu aggravat minn din id-decizjoni u ghalhekk permezz tal-prezenti qed jinterponi umli appell mill-istess decizjoni quddiem din il-Qorti;

3. Illi l-fatti fil-qosor rigwardanti dan l-appell huma li l-appellant gie notifikat bl-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq in kwistjoni f'wiehed minn diversi siti li taghhom huwa proprjetarju gewwa Triq il-Fenici, Safi, u konsegwentement appella kontra l-hrug ta' dan l-istess Avviz a bazi li *"l-avviz in kwistjoni mhux konformi mal-ligi, aktar specifikatament ma' l-artikolu 52 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta";*

4. Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa car u manifest ghaliex il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda l-punt ta' ligi mqajjem mill-appellant rigwardanti n-nullita' ta' l-Avviz biex Tieqaf a ta' Twettiq b'mod zbaljat u mhux konformi mal-ligi;

Illi l-appellant prezenta b'mod ampju quddiem il-Bord ta' l-Appell ir-ragunijiet tieghu ghalfejn fl-umli opinjoni tieghu l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq in kwistjoni kellu jigi dikjarat null u bla effett u dawn kienu hekk kif isegwu:-

*"Il-Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta fl-artikolu 54 (4) jirrikiedi illi:*

*"Kull avviz mahrug skond dan l-artikolu ghandu jikkontjeni deskrizzioni dettaljata tan-nuqqasijiet li jkunu qed jigu allegati kif ukoll pjanta li turi s-sit li tindika l-art li hija suggett ghal dan l-avviz ghandha tigi annessa mieghu."*

*"Illi l-klijent tieghi umilment jissottometti li l-avviz in kwistjoni ma jaghtix deskrizzioni dettaljata ta' l-allegat zvilupp illegali stante li ghalkemm dan l-avviz isemmi li hemm bini ta' villa barra z-zona ta' l-izvilupp gewwa Triq il-Fenici, Hal Safi l-istess avviz ma jispecifikax ghal liema Villa qed issir referenza. Is-Sur Polidano huwa proprjetarju ta' diversi binjiet gewwa l-istess Triq u ghalhekk ma jistax jidentifika ghal liema zvilupp dan l-avviz qieghed jirreferi".*

*“Illi minghajr pregudizzju, il-klijent tieghi wkoll jinfurmani li ghalkemm l-Avviz li huwa rcieva jaqra li hemm mappa annessa ma’ l-istess avviz, huwa effettivament qatt ma rcieva din il-mappa.”*

Illi mis-suespost jirrizulta li l-aggravji ta’ l-appellant imressqa quddiem il-Bord ta’ l-Appell kienu principalment tnejn:-

a) Illi s-sit li fuqu nhareg l-Avviz biex ~~Tieqaf u ta’ Twettiq~~ ma kienx identifikabbli mid-dettalji moghtija fl-istess avviz hekk kif specifikatament rikiest mill-ligi;

b) Illi l-Avviz in kwistjoni ma giex notifikat lill-appellant b’mod konformi mal-ligi ghaliex flimkien ma’ l-istess Avviz ma gietx notifikata mappa li turi s-sit li fuqu kien qed jinhareg l-avviz.

Illi gie sottomess lill-Bord ta’ l-Appell li kull wiehed minn dawn iz-zewg aggravji jekk ippruvati jwassal ghan-nullita’ ta’ l-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettiq appellat. Ghalhekk il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar kien mistenni li fid-decizjoni tieghu jikkunsidra dawn l-aggravji u jiddeciedi fuqhom;

Illi l-uniku referenza li l-Bord ta’ l-Appell ghogbu jaghmel rigwardanti dawn l-aggravji kienet din li ssegwi:-

*“Dwar l-allegat nullita' ta’ l-avviz biex Tieqaf u ta’ Twettiq tirrizulta li dan twahhal on site u li l-uniku proprjeta' li ghandu l-apppellant fl-imseminija triq li jghix ordinarjament fiha hija dik mertu ta’ dawn il-proceduri li hija ndikata bhala r-residenza tieghu fir-Registru Elettorali.”* (pagna 7 tad-decizjoni l-ahhar paragrafu).

Illi mkien aktar fid-decizjoni appellata ma jissemma dan l-aggravu izda ladarba fid-decizjoni tieghu l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar ikkonferma l-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettiq in kwistjoni jidher li l-istess Bord ma laqax iz-zewg aggravji mressqa mill-appellant;

Illi r-rikorrent ma jistax jagbel ma' din id-decizjoni tal-Bord ghal diversi ragunijiet:-

a) Fl-ewwel lok bir-rispett kollu jigi umilment sottomess li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma tax ragunijiet sodisfacenti sabiex jispjega ghalfejn iddecieda li jichad l-aggravji mressqa mill-appellant. Id-dikjarazzjoni da parti tal-Bord li s-sit in kwistjoni huwa ndikat bhala r-residenza ta' l-appellant fir-Registru Elettorali mhix bizzejjed sabiex jissodisfa l-iskrutinju li l-Bord kien obbligat li jaghmel rigwardanti dawn l-aggravji, specjalment in vista li din id-dikjarazzjoni da parti tal-Bord bl-ebda mod ma tirrizulta mill-atti u l-provi migbura quddiemu. L-istess jista' jinghad ghad-dikjarazzjoni li l-appellant, is-sit in kwistjoni huwa l-unika proprjeta' li ghandu l-appellant fi Triq il-Fenici ghaliex din l-allegazzjoni bl-ebda mod ma giet ippruvata lill-Bord. Anzi kien l-istess Bord li semmiha ghall-ewwel darba fid-decizjoni tieghu. Ghalhekk jirrizulta li l-Bord naqas milli jaghti decizjoni fuq jekk l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq in kwistjoni kienx jissodisfa dak rikjest mill-ligi fl-**artikolu 54 (4) tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta;**

b) Fit-tieni lok jigi sottomess li l-Bord ta' l-Appell bl-ebda mod ma kkunsidra l-aggravju li permezz tieghu l-appellant eccepixxa n-nullita' ta' l-Avviz in kwistjoni ghaliex ma kenitx giet prezentata lill-appellant flimkien ma' l-istess Avviz mappa li tindika s-sit in kwistjoni hekk kif huwa rikjest mill-ligi aktar specifikatament fl-**artikolu 52 (4) talKap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta**. Id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell li jiddikjara bhala mhux null l-Avviz in kwistjoni mhix valida in vista tal-fatt li qabel ma setghet tittiehed din id-decizjoni l-Bord kollu jinvestiga dan l-aggravju wkoll, izda jidher car li dan ma ghamlux;

Illi *inoltre* r-rikorrent jinsisf li ghall-oppost ta' dak li ddecieda l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar n-nuqqasijiet indikati fl-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq in kwistjoni jirrendu l-istess Avviz null u nvalidu fil-ligi, u ghalhekk umilment jissottometti li din il-Qorti ghandha tiddikjara n-nullita' ta' dan l-Avviz;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni aggravju ta’ l-appellant huwa car u manifest ghaliex il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar applika l-ligi b’mod zbaljat meta permezz ta’ digriet datat 25 ta’ Settembru 2003, fl-atti tad-decizjoni appellata, li ta l-istess Bord fil--konfront ta’ l-appellant iddecieda li jichad it-talba ta’ l-appellant li l-qari tas-sentenza jigi sospiz sabiex l-appellant jinghata l-opportunita li jressaq il-provi tieghu u ssir trattazzjoni qabel ma tinghata d-decizjoni;

Illi jigi umilment sottomess li jmur kontra l-ligi tal-procedura li appell jintbaghat ghad-decizjoni minghajr ma l-appellant ikun inghata l-opportunita li jitratta l-istess appell jew mill-anqas li jaghmel nota ta’ sottomissjonijiet fuq l-istess. Dan kollu jwassal ghan-nullita’ tad-decizjoni appellata.

Illi ghaldaqstant l-appellant, filwaqt illi jaghmel referenza ghall-provi gja’ prodotti u jirriserva li jgib provi ohra skond il-ligi, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell joghgobha tilqa’ l-appell u tirrevoka, thassar a tannulla d-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar tas-26 ta' Settembru 2003, fil-kaz fl-ismijiet **“Paul Polidano vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** (PAB 234/02E) in kwantu cahdet l-appell u kkonfermat l-Avviz biex tieqaf u ta' twettiq Nru ECF 202/02 jew jekk ikun il-kaz tordna li l-process relattiv jintbaghat lura lill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar sabiex dan jiddeciedi l-kwistjoni skond il-ligi.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Awtorita’ appellata.

Rat id-dokumenti esebiti a fol. 7 sa 10 tal-process;

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 17 ta’ Novembru 2003 fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta’ l-Appell fl-ismijiet **“Paul Polidano vs Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** deciz mill-istess Bord.

Rat ir-risposta ta’ l-Appell ta’ l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar a fol. 15 tal-process:-

Illi preliminarjament jinghad li l-appell interpost mill-applikant huwa null *stante* li ma sarx skond l-**artikolu 15 (2) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp (Kap. 356)** li jghid hekk:-

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri)".*

Illi dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' dina l-Qorti, fosthom fis-sentenzi **"Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** – deciza fil-31 ta' Mejju 1996; **"Anthony Borg vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** – deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 t'April 1996; **Francis Mugliett vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** – deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 1996; **"Zaren Camilleri vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** – deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Frar 1997; **"Joseph Attard vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** – (Appell Nru: 13/01 RCP) deciza fit-28 t'Ottubru 2002; u **"Tonio Azzopardi vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** – deciza fit-28 t'Ottubru 2002.

Illi jigi bir-rispett sottomess illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa daqstant null *stante* illi filwaqt li fattwalment il-Bord ta l-motivazzjonijiet tieghu, certament illi motivazzjoni moghtija hija sufficjenti tenut kont ta' l-aggravju u l-provi mressqa mill-appellant quddiem il-Bord ta' l-Appelli.

Illi anke meta wiehed iqis is-sottomissjonijiet kollha li saru, kemm mill-appellant kif ukoll mill-Awtorita' appellata quddiem il-Bord, jidher car illi l-Bord ibbaza d-decizjoni tieghu fuq dak allegat mill-appellant, u fuq il-provi mressqa mill-Awtorita' appellata.  Ghaldaqstant ma jreggix l-argument illi certu fatti li fuqhom ibbaza d-decizjoni tieghu l-Bord ma kienux pruvati.

Illi l-istess jinghad ghas-sottomissjoni mressqa fuq in-nuqqas ta' pjanta.  Irid jinghad illi kien jispetta lill-appellant li jressaq il-prova ta' dan, u mhux jissollevaha biss, u

*stante* li fil-*file* kien jirrizulta li kein hemm *site plan* ma' l-Avviz (*vide* verbal tas-seduta tal-14 ta' Gunju 2002), u *stante* li l-appellant ma ressaq l-ebda prova kontrarja, il-Bord certament ma kellux ghalfejn jidhol f'dan l-aggravju.

Illi l-istess jinghad ghad-digriet moghti mill-Bord fil-25 ta' Settembru 2003. L-ewwelnett jinghad illi ma hemm l-ebda dritt ta' appell minn digriet tal-Bord ta' l-Appelli, u dan skond il-provvediment ta' l-artikolu 15 ta' l-Att 1/92. *Oltre* dan, il-Bord wasal ghall-istess digriet peress illi l-provi kienu diga' nghalqu, u l-appell kien differit ghad-decizjoni.

Illi in vista tal-premess, l-esponenti filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gja' prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell 26 ta' Settembru 2003 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, titlob li dina l-Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant Paul Polidano u tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' appellanti.

Rat il-verbali tas-seduti tas-17 ta' Marzu 2004 u tat-22 ta' Gunju 2004 fejn peress li ghal darb'ohra kemm l-appellant kif ukoll id-difensur tieghu msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux, il-Qorti ddikjarat l-appell desert a bazi ta' l-artikolu 209 (2) tal-Kap 12 a spejjez tar-rikorrenti.

Rat ir-rikors sussegwenti ta' l-appellant datat 24 ta' Gunju 2004 fejn talab li jigi revokat id-digriet tat-22 ta' Gunju 2004, sabiex l-appell jerga' jitqieghed mill-gdid fuq il-lista sabiex jigi trattat u deciz.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 1 ta' Lulju 2004 fejn laqghat it-talba u rriappunat l-appell ghas-smiegh ghall-1 ta' Dicembru 2004 ghall-finali trattazzjoni.

Rat il-verbali ta' l-1 ta' Dicembru 2004 u tal-11 ta' Mejju 2005 fejn fuq talba ta' Dr. Joanne Vella Cuschieri ghall-appellant il-Qorti pprefiggiet terminu sa l-ahhar ta' Settembru 2005 sabiex l-appellant jipprezenta n-nota t'osservazzjonijiet tieghu, u terminu iehor sa l-ahhar t'Ottubru 2005 lill-Awtorita' appellata sabiex tipprezenta

nota responsiva. L-appell gie differit ghal sentenza *in difetto ostacolo* ghat-30 ta’ Novembru 2005.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-appellant Paul Polidano datata 20 ta’ Settembru 2005 u dik responsiva ta’ l-Awtorita’ appelata pprezentata fid-29 ta’ Settembru 2005.

Rat ir-rikors ta’ l-appellant datat 26 t’Ottubru 2005 fejn talab li jigu sfilzati d-dokumenti esebiti man-nota ta’ l-Awtorita’ appellata mmarkati bhala Dok “MEPA 1” sa “MEPA 3b”, jew li tigi ordnata s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex jinghata zmien janalizza l-istess dokumenti.

Rat ir-risposta ta’ l-Awtorita’ appellata datata 14 ta’ Novembru 2005.

Rat il-verbal u d-digriet taghha tal-lum 30 ta’ Novembru 2005 fejn il-Qorti ddisponiet mir-rikors datat 26 t’Ottubru 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi f’dan il-kaz l-appellant Paul Polidano qed isostni li huwa gie notifikat b’Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettiq *“sabiex iwaqqaf immedjatament allegat zvilupp ta’ villa barra z-zona ta’ zvilupp, kif ukoll li jieqaf kull zvilupp iehor fuq is-sit in kwistjoni, jekk ghadu jsir, u li ma jinbeda ebda zvilupp iehor fuq is-sit u sabiex jiehu dawk il-passi sabiex jieqaf il-ksur”* u dan in forza ta’ Enforcement Notice 00202/02 ta’ l-4 ta’ Marzu 2002 li l-istess appellant odjern jirreferi ghaliha fl-appell minnu interpost quddiem l-imsemmi Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar datat l-istess appell 17 ta’ Gunju 2002. L-allegat sit huwa presumibbilment gewwa Triq il-Fenici, Safi u dan kif l-istess Qorti setghet tikkonstata mill-kliem *“Post: Sit fi Triq il-Fenici, Hal Safi”* indikat fl-istess appell fl-atti processwali

ta' l-appell quddiem l-imsemmi tribunal esebiti f'dan l-appell odjern.

Illi quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar l-appellant odjern sostna li l-avviz in kwistjoni ma kienx konformi ma' l-**artikolu 52 tal-Kap. 356** u konsegwentement huwa null u bla effett. Dwar dan huwa amplifika fid-dokument minnu sottopost quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datat 19 ta' Novembru 2002 fejn jghid li l-istess Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq mahrug kontra tieghu huwa null u bla effett *stante* li l-istess ma kienx konformi mad-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 52 (4) tal-Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta,** u dan ghaliex li l-istess dokumemnt ma jaghtix deskrizzjoni dettaljata tan-nuqqasijiet li jkunu qed jigu allegati u in partikolari l-istess appellant sostna li *"ghalkemm dan l-avviz isemmi li hemm bini ta' villa barra z-zona ta' l-izvilupp gewwa Triq il-Fenici, Hal Safi, l-istess avviz ma jispecifikax ghal liema Villa qed issir riferenza …"* Jghid ukoll li ghalkemm l-avviz li rcieva *"jaqra li hemm mappa annessa ma' l-istess avviz, huwa effettivament qatt ma rcieva din il-mappa".* Ghalhekk l-appellant kompla jghid li *"dawn iz-zewg nuqqasijiet jiksru b'mod car l-artikolu 52 (4) hawn fuq imsemmi bil-konsegwenza li l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq in kwistjoni huwa null u bla effett."* Dwar dan l-Awtorita' ssottomettiet, fost affarijiet ohra ndikata fir-risposta taghha datata 22 ta' Novembru 2002 (b'timbru ahmar datat 25 ta' Novembru 2002) li l-istess aggravji huma vessatorji ghaliex jghid li *'skond l-Att I ta' 1992, wahhal in-notice fuq il-faccata tas-sit, kif ser jigi ppruvat anke b'ritratti, liema avviz tohrog bil-kliem fuq quddiem u bil-pjanta fuq wara, u l-istess enforcement officer ma' jkollux ohrajn li huma biss bil-kliem quddiem minghajr il-pjanta fuq wara".* Jghid ukoll li l-mara ta' l-appellant kienet cemplet u fehmet fuq x'hiex kien l-istess avviz u li anke li jekk ghall-argument wiehed ma jkunx *"jaf fuq x'hiex hu ezatt appell, il-fatt li wara jsir jaf u jinghata opportunita' jiddefendi lilu nnifsu, ma jgib l-ebda nullita' ta' l-avviz."* Din il-Qorti taghmel riferenza ghall-istess risposta datata 22 ta' Novembru u ttimbrata bl-ahmar 25 ta' Novembru 2002.

Illi l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tieghu moghtija fis-26 ta' Settembru 2003 sostna *inter alia* li rrizultalu li nbiet villa minghajr permess u li l-appellant fl-ebda stadju tal-proceduri ma kkonforma ruhu ma' l-**artikolu 52 (10) tal-Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta** li jehtieg li l-appellant jipproduci kopja tal-permessi relattivi quddiem dan il-Bord. L-istess decizjoni tghid li jirrizulta li l-izvilupp kolpit fl-avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq sar u li ma saritx applikazzjoni sanatorja li permezz taghha l-izvilupp mertu ta' dan l-appell ikun jista' jigi regolarizzat.

Illi l-istess Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar skond l-istess decizjoni tieghu kkonkluda bis-segwenti:-

*"Illi dwar l-allegata nullita' biex Tieqaf u ta' Twettiq jirrizulta li dan twahhal "on site" u li l-unika proprjeta' li ghandu l-appellant fl-imsemmija triq li jghix ordinarjament fiha hija dik mertu ta' dawn il-proceduri li hija ndikata bhala r-residenza tieghu fir-Registru Elettorali. Da parte tieghu l-appellant ma ressaqx provi ma' l-appell skond l-**artikolu 52 (9) tal-Kapitolu 356** biex jipprova li l-villa mertu ta' l-appell inbniet bi permess ta' zvilupp. Ghall-kuntrarju l-Bord wasal ghall-konkluzjoni opposta."* Illi ghalhekk cahad l-appell interpost quddiemu u b'hekk l-appellanti pprezenta l-appell odjern quddiem din il-Qorti.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-sottomissjoni li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda l-punt ta' ligi mqajjem quddiemu rigwardanti n-nullita' ta' l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq b'mod zbaljat. Dan ghaliex skond l-istess appellanti minkejja li huwa eccepixxa n-nullita' ta' l-imsemmi Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq ghaliex ma gewx osservati d-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 52 (4) ta' l-Att dwar l-Ippjanar u l-Izvilupp,** il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar lanqas biss ikkonsidra dan l-aggravju u dan fis-sens li ma dahalx fil-mertu ta' l-appell jekk l-Avviz attwali kkonfermax ruhu mar-rekwiziti ta' l-imsemmi sub-artikolu, u dan ghaliex ma giex ezaminata l-allegazzjoni ta' l-appellanti li l-istess avviz ma kienx konformi mal-ligi ghaliex ma tax diskrizzjoni dettaljata tan-nuqqasijiet li kienu allegati, u lanqas annetta pjanta li turi s-sit ta' l-art suggetta ghal tali ordni u avviz.

L-istess appellant odjern ghandu wkoll aggravju iehor u dan fis-sens li qed isostni li l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar applika l-ligi b’mod zbaljat meta bid-digriet tal-25 ta’ Settembru 2003 cahad it-talba li l-qari tas-sentenza jigi sospiz sabiex l-appellant jinghata l-opportunita’ li jressaq il-provi tieghu u ssir trattazzjoni qabel ma tinghata d-decizjoni u b’hekk skond huwa l-istess appellant ma nghatax opportunita’ li jitratta l-appell tieghu jew ghall-anqas jaghmel nota ta’ osservazzjonijiet.

Illi f’dan il-kaz l-Awtorita’ appellata eccepiet preliminarjament in-nullita’ ta’ l-appell *stante* li qed isostni li dan l-appell ma huwiex ammissibbli ghax ma sarx skond l-**artikolu 15 (2) tal-Kap. 356.**

Illi din il-Qorti diga’ kellha diversi opportunitajiet sabiex tiddeciedi dwar l-**artikolu 15 (2) tal-Kap. 356** u ghalhekk a skans ta’ ripetizzjoni tirreferi ghall-istess decizjonijiet, uhud minnhom kwotati mill-istess awtorita’ appellata. Ghall-iskop ta’ din is-sentenza jinghad illi fis-sentenza **“Charles Demicoli vs Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** (A.I.C. (RCP) 27 ta’ Jannar 2003) gie ritenut li: -

*“L-artikolu 15 (2) ta’ l-Att 1 ta’ l-1992 dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp, jipprovdi li :-*

*“Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta’ ligi decizi mill-Bord li minnhom hemm appell lill-Qorti ta’ l-Appell”.*

*“Illi johrog car minn ezami akkurat ta’ din id-dispozizzjoni li l-gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord imsemmi hija wahda ristretta ferm. Din il-Qorti tista’ tirrevedi <u>biss</u> kwistjonijiet dwar punti ta’ dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dan ifisser li m’hemmx appell fuq kwistjonijiet ta’ apprezzament ta’ provi. M’hemmx dritt ta’ appell lanqas fuq punti ta’ ligi sakemm dawn ma jkunux espressament decizi fid-decizjoni appellata. Is-semplici applikazzjoni ta’ xi dispozizzjoni tal-ligi ghall-fatti li jkunu rrizultaw lill-Bord jew is-semplici enuncjazzjoni ta’ xi dispozizzjoni lanqas ma jaghtu lok ghall-appell quddiem din il-Qorti. Biex l-appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid*

*tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata."*

Illi ghalhekk minn dan isegwi li din il-Qorti tista' tirrevedi u tissindika biss dawk id-decizjonijiet tal-Bord li jkunu jinvolvu punt ta' dritt li jkun gie deciz mill-Bord. Dan ifisser li l-ligi ma taghti l-ebda dritt ta' appell minn decizjonijiet tal-Bord dwar kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi u fuq kwistjonijiet ta' l-ippjanar li jkunu jinvolvu sempliciment aspetti teknici. Lanqas ma hemm dritt ta' appell fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux gew decizi fid-decizjoni appellata tal-Bord.

Illi izda wiehed jinnota li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **"David Xuereb ghan-nom ta' Tip Top Limited vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. 28 ta' Jannar 2005) ikkonfermat li:-

*"Wiehed jista' jinnota li kien hemm zvilupp gurisprudenzjali fl-interpretazzjoni ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi ghaliex f'sentenzi pjuttost recenti, din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li decizjoni tal-Bord li ma jkunx fiha decizjoni <u>espressa</u> fuq punt ta' ligi xorta wahda tkun tista' tigi appellata lil din il-Qorti meta jissussistu certi fatti specifici f'kazijiet partikolari li jkunu jippermettu li dan gustament isir skond il-ligi. Hekk per ezempju, wiehed jista' jsemmi l-kaz ta' tali interpretazzjoni estensiva fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-28 ta' Gunju 2002, fil-kawza fl-ismijiet **"Avukat Pio Valletta vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"**, fejn decizjoni tal-Bord giet revokata minhabba li l-Bord naqas li jinvestiga u jiddeciedi kwistjoni legali li tressqet quddiemu u li kienet verament relevanti biex il-kaz ikun deciz skond il-ligi."*

Illi f'dan l-istadju huwa opportun li ssir referenza wkoll ghal dak li gie deciz fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Leon Morris Gunnell vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. (VDG) (JDC) (JAF) tas-6 ta' Mejju 2005 – Rikors Numru 325/2000) fejn b'referenza ghall-**artikolu 15 (2)** inghad li:-

*"Issa jekk wiehed jinterpreta din id-dispozizzjoni tal-ligi ristrettivament u letteralment u japplikaha ghall-kaz odjern, wiehed isib li fid-decizjoni appellata ma hemm l-ebda deliberazzjoni u decizjoni espressa ta' xi punt ta' ligi. Madankollu din il-Qorti, fil-gurisprudenza aktar ricenti taghha, interpretat din id-dispozizzjoni b'mod aktar wiesa' fis-sens li ma hemmx bzonn li l-punt ta' ligi jkun gie espressament deciz fid-decizjoni appellata. Dan ghaliex jista' jaghti l-kaz li punt ta' ligi partikolari li fuqu jkun sar appell, ghalkemm ma jkunx gie deciz espressament fid-decizjoni appellata, madankollu jkun evidentement involut jew implicitu fl-istess decizjoni."*

Illi dawn il-principji gew ukoll applikati fid-decizjoni moghtija llum stess fl-ismijiet **"Charles Polidano f'isem Polidano Bros. Limited vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I. (RCP) 30 ta' Novembru 2002.

Illi meta wiehed ihares lejn dan kollu jinnota li kif gja' nghad aktar 'il fuq il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tieghu sostna s-segwenti:-

*"Illi dwar l-allegata nullita' biex Tieqaf u ta' Twettiq jirrizulta li dan twahhal "on site" u li l-unika proprjeta' li ghandu l-appellant fl-imsemmija triq li jghix ordinarjament fiha hija dik mertu ta' dawn il-proceduri li hija ndikata bhala r-residenza tieghu fir-Registru Elettorali. Da parte tieghu l-appellant ma ressaqx provi ma' l-appell skond l-**artikolu 52 (9) tal-Kapitolu 356** biex jipprova li l-villa mertu ta' l-appell inbniet bil-permess ta' zvilupp. Ghall-kuntrarju l-Bord wasal ghall-konkluzjoni opposta."*

Illi l-istess decizjoni nghad ukoll li:-

*"Illi mill-provi prodotti quddiem dan il-Bord jirrizulta illi nbniet villa minghajr permess. Illi l-appellant fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri ma kkonforma ruhu mar-rekwiziti ta' l-artikolu 52 (10) tal-Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta li jehtieg illi l-appellant jipproduci kopja tal-permessi relattivi quddiem dan il-Bord."*

Illi din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz m'hemm l-ebda dubju li l-eccezzjoni ta' l-Awtorita' appellata ghandha tigi michuda u dan ghaliex l-appell interpost huwa bbazat fuq punt ta' ligi u peress li l-istess appellant qed jallega li fl-imsemmija sentenza hemm applikazzjoni zbaljata ta' l-**artikolu 52 (4) ta' l-Att dwar l-ippjanar u l-Izvilupp**, u dan anke jekk fid-decizjoni nnifisha dan l-artikolu *per se* ma jissemmiex. Dan ghaliex l-istess Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar kellu jikkonsidra ghalhekk il-merti ta' l-istess aggravji, u skond l-appellant mill-istess decizjoni dan jirrizulta li ma sarx u dan peress li l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ebda stadju ma ezamina jekk ir-rekwiziti ta' l-imsemmi sub-artikolu gewx osservati, kemm f'dak li kienet l-identifikazzjoni u d-dettalji tan-nuqqasijiet allegati fl-istess avviz, kif ukoll in-nuqqas ta' pjanta ma' l-imsemmi avviz. Il-fatt li l-istess aggravji ma gewx ikkunsidrati mill-Bord ta' l-Appell, jikkostitwixxi fih innifsu punt ta' ligi appellabbli quddiem din il-Qorti.

Illi din il-Qorti f'dan il-kuntest thoss li kif inghad fis-sentenza ta' llum stess fl-ismijiet **"Charles Polidano f'isem Polidano Bros. Limited vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** l-aggravji mressqa mill-appellant odjern jikkostitwixxu punt ta' dritt a bazi ta' l-**artikolu 15 (2).** Dan ghaliex l-istess appellant qed isostni effettivament li fid-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar l-aggravju attwali tieghu quddiem l-imsemmi tribunal ma giex ikkunsidrat u dan fih innifsu huwa punt ta' dritt.

Illi dan gie gja' ritenut gudizzjarjament fis-sentenza fl-ismijiet **"Michael Gatt vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. ((JSP) (CAA) (JDC) – 19 ta' Novembru 2001) mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fejn inghad li meta *"l-enuncjazzjoni tal-ligi li ghamel il-Bord ma tkoprix sewwa l-kwistjoni ewlenija dibattuta bejn il-kontendenti, liema kwistjoni l-Bord kien mistenni li jidderimi b'mod ben motivat ..."* dan fih innifsu iwassal ghan-nullita' ta' l-istess decizjoni. Fi kliem iehor meta l-istess tribunal jew organu jinjora ghal kollox dak sottomess quddiemu mill-appellant bla ebda spjegazzjoni dan fih innifsu huwa punt ta' dritt u dan jaghti lok ta' appell quddiem din il-Qorti anke fit-

termini ristretti ta' l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356.** Dan peress li fuq kollox dik hija l-funzjoni u l-obbligu ta' organu bhal Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, li jiddibatti l-aggravji kollha mressqa quddiemu, u dan huwa korrolarju tar-rekwizit li d-decizjoni ghandha tkun motivata – u decizjoni ma tistax tkun motivata meta tinjora jew ma titrattax fil-korp taghha l-aggravji ta' l-appellant quddiemha.

Illi dawn il-principji gew ikkonfermati fis-sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"David Xuereb ghan-nom ta' Tip Top Limited vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. (VGD) (JDC) (JAF) – 28 ta' Jannar 2005) u **"L-Avukat Pio Valletta vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. – 28 ta' Gunju 2002). Sa certu punt dan gie segwit ukoll fil-kaz ta' l-istess Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Philip Camilleri vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. (VGD) (JDC) (JAF) – 27 ta' Marzu 2003 fejn hemm indikat ukoll il-minimu rikjest sabiex decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tigi kkunsidrata valida fejn fuq kollox din ghandha titratta u tezamina l-mertu ta' l-aggravju sottomess quddiemha, u din bhala tali hija punt ta' dritt u mankanza serja fl-istess decizjoni hawn soggetta ghal dawn il-proceduri quddiem il-Qorti.

Illi stabbilit dan wiehed irid jghaddi sabiex jezamina jekk dak allegat mill-appellant huwiex b'mod sostantiv pruvat, u cjoe' jekk in verita' l-istess -Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tieghu injorax ghal kollox jew fil-maggior parti l-aggravji ta' l-istess appellant quddiemu. Harsa lejn id-decizjoni ta' l-imsemmi Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tindika li fiha jinghad li:-

*"Illi mill-provi prodotti quddiem dan il-Bord jirrizulta illi nbniet villa minghajr permess. Illi l-appellant fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri ma kkonforma ruhu mar-rekwiziti ta' l-artikolu 52 (10) tal-Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta li jehtieg illi l-appellant jipproduci kopja tal-permessi relattivi quddiem dan il-Bord;*

*Illi mill-Enforcement File esebit jirrizulta illi l-izvilupp kolpit fl-avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq sar. Ma jirrizultax*

*lil dan il-Bord li saret applikazzjoni sanatorja li permezz taghha l-izvilupp mertu ta' dan l-appell ikun jista' jigi regolarizzat;*

*Dwar l-allegat nullita' ta' l-avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq jirrizulta li dan twahhal 'on site' u li l-uniku proprjeta' li ghandu l-appellant fl-imsemmija triq li jghix ordinarjament fiha hija dik mertu ta' dawn il-proceduri li hija ndikata bhala r-residenza tieghu fir-Registru Elettorali. Da parti tieghu l-appellant ma ressaqx provi ma' l-appell skond l-artikolu 52 (9) tal-Kapitolu 356 biex jipprova li l-villa mertu ta' l-appell inbniet bil-permess ta' zvilupp. Ghall-kuntrarju, il-Bord wasal ghall-konkluzjoni opposta."*

Illi din il-Qorti thoss li meta nghatat l-istess decizjoni nkluz il-parti hawn citata minn imkien ma jirrizulta li l-aggravji mressqa mill-appellanti quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar gew verament u debitament dibattuti mill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tieghu, u fil-fatt ma sar l-ebda ezami serju jekk ir-rekwiziti ta' l-**artikolu 52 (4) tal-Kap 356** gewx osservati u lanqas sar biss accenn dwar is-sinifikat taghhom. Dan qed jinghad meta l-bazi kollha ta' l-appell ta' l-istess appellanti kienet proprju bbazata fuq ir-rekwiziti ta' l-istess **artikolu 52 (4) tal-Kap 356** tant li l-appellanti sostna li l-appell tieghu kien biss ibbazat li l-imsemmi avviz kien null u bla effett peress li:-

*"… li l-avviz in kwistjoni ma jaghtix deskrizzjoni dettaljata ta' l-allegat zvilupp illegali stante li ghalkemm dan l-avviz isemmi li hemm bini ta' villa barra z-zona ta' l-izvilupp gewwa Triq il-Fenici, Hal Safi l-istess avviz ma jispecifikax ghall-liema Villa qed issir referenza. Is-Sur Polidano huwa proprjetarju ta' diversi binjiet gewwa l-istess Triq u ghalhekk ma jistax jidentifika ghall-liema zvilupp dan l-avviz qieghed jirreferi.*

*Minghajr pregudizzju, il-klijent tieghu ukoll jinfurmani li ghalkemm l-Avviz li huwa rcieva jaqra li hemm mappa annessa ma' l-istess avviz, huwa effettivament qatt ma rcieva din il-mappa.*

*Dan iz-zewg nuqqasijiet jiksru b'mod car l-artikolu 52 (4) hawn fuq imsemmi bil-konsegwenza li l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq in kwistjoni huwa null u bla effett."*

Illi mid-decizjoni ta' l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma jidhirx li dan l-aggravju gie effettivament ikkunsidrat, tant li din il-Qorti thoss li fl-istess sentenza moghtija dawn l-ilmenti ta' l-istess appellanti gew injorati u maqbuza u certament li din il-Qorti thoss li fl-istess decizjoni ma hemm lanqas biss indikazzjoni tas-sinifikat ta' l-istess sub-artikolu, li sahanistra baqa' ssemmiex fl-istess decizjoni, qisu ma jezistix. Bl-ispjegazzjoni moghtija fl-istess decizjoni bl-ebda mod ma jista' jinghad li indirizzat l-aggravju veru ta' l-appellant quddiem l-imsemmi Bord u wisq anqas trattat l-istess appell fl-isfond ta' l-artikolu citat mill-appellant u f'dan is-sens din il-Qorti thoss li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ghandha tigi kkunsidrata bhala nulla u bla effett, *stante* li njorat u ssorpassat l-ilmenti u l-aggravji ta' l-appellant quddiemha. Illi dan qed jinghad anke a bazi tal-kontenut tad-decizjoni kollha ta' l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li in verita' jidher li bazikament ikkunsidra li jichad l-appell ghaliex l-appellant ma pproduciex kopja tal-permessi skond kif rikjest mill-**artikolu 52 (10) tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta.** Dan meta l-appell kien kollu kemm huwa bazat fuq aggravji ben differenti u kien jehtieg decizjoni wara deliberazzjoni dwar jekk l-istess avviz imsemmi kienx konformi mal-ligi u senjatament ma' dak indikat fl**-artikolu 52 (4) tal-Kap 356,** u dan fit-termini ta' l-appell impost mill-istess appellanti quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Dan l-aggravju jew aggravji kellhom certament jigu ndirizzati mill-istess organu msemmi, u din il-Qorti thoss li mid-decizjoni citata dan ma jirrizultax li sar.

Illi hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li in effetti l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar prattikament injora l-bazi kollha ta' l-aggravju li kellu quddiemu, u cjoe' l-validita' *o meno* ta' l-avviz mertu tal-proceduri fl-isfond ta' l-aggravji mressqa mill-appellanti fil-konfront ta' l-**artikolu 52 (4) tal-Kap. 356.**

Illi fil-fatt l-aktar li jista' jinghad jinghad huwa li l-ewwel ilment ta' l-appellant inghata biss u sempliciment menzjoni *en passant* u xejn izjed. Dan apparti li l-konsiderazzjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-istess decizjoni dwar dak kontenut fir-Registru Elettorali fil-konfront ta' l-appellant bl-ebda mod ma tindirizza l-aggravju jekk l-avviz *de quo* ghandux ir-rekwiziti necessarji a bazi ta' l-indikat artikolu u lanqas jekk tali rekwiziti ta' l-imsemmi artikolu gewx sodisfatti jew le, u f'kaz li le, jekk tali mankanzi jwasslux ghan-nullita' eccepita quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar mill-appellanti quddiemu.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li dak indikat u kontenut fl-istess decizjoni certament ma huwiex bizzejjed sabiex jissodisfa l-ezami u l-iskrutinju li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li huwa obbligat li jaghmel, rigwardanti dawk l-aggravji mressqa quddiemu. Certament f'dan il-kaz id-decizjoni ta' l-istess Bord tispekkja f'dan ir-rigward u minhabba dan in-nuqqas ta-trattament ta' l-aggravji ta' l-appellanti quddiemha, l-istess decizjoni qed tigi ritenuta bhala nulla u bla effett.

Illi dan qed jinghad apparti l-fatt li punt fih innifsu jekk l-istess avviz biex tieqaf u tat-Twettiq kienx konformi mad-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 52 (4) tal-Kap 356** huwa fih innifsu punt ta' dritt li kellu l-ewwel jigi ezaminat mill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.

Illi dan huwa ta' mportanza massima meta wiehed jikkonsidra li skond l-istess dispozizzjonijiet appena accenati jidher li l-Avviz mertu tal-proceduri odjerni huwa tenut li *"ghandu jikkontjeni deskrizzjoni dettaljata tan-nuqqasijiet li jkunu qed jigu allegati kif ukoll pjanta li turi s-sit li tindika l-art li hija suggetta ghal dak l-avviz <u>ghandha</u> tigi annessa mieghu".* Illi huwa fid-dawl ta' dan kollu li l-istess avviz kellu jigi ezaminat, u dan meta l-mertu ta' l-appell kollu ta' l-istess appellanti quddiem il-Bord ta' l-Appell kien proprju fuq hekk kif manifestat b'mod mill-aktar preciz fl-ittra ta' l-appellant datata 19 ta' Novembru 2002 (b'timbru ahmar datata 25 ta' Novembru

2002) quddiem l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, fejn ma hemm ebda dubju dwar il-bazi ta’ l-appell ta’ l-istanti quddiem l-imsemmi Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, aggravji li bl-ebda mod ma gew trattati mill-istess organu fis-sentenza citata, u ghalhekk dan qed iwassal ghan-nullita’ ta’ l-istess decizjoni.

Fil-kaz in kwistjoni l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar naqas li jezamina u jiddeciedi dan kollu u l-effett tal-provi li ngabu quddiemu fil-kuntest ta’ dak provdut fl-**artikolu 52 (4) tal-Kap 356** u dan jaffetwa anke l-validita’ stess ta’ l-istess avviz fil-konfront tas-socjeta’ appellanti, *stante* li huwa palez li ordni tat-tip konsidrata fl-**artikolu 52** jidher li ghandhu jkollha certi rekwiziti u dawn ghandhom jinkludu dak kontenut fl-**artikolu 52 (4) tal-Kap 356.**

Illi fil-kuntest ta’ dan kollu din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet **“Simon Darmanin vs l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** (A.C. (JSP) (CAA) (JDC) – 4 ta’ Mejju 1998) fejn inghad illi *“kull persuna li tkun akkuzata bi ksur bhal dan ghandha tkun informata mill-bidu nett, u bil-miktub dwar x’hiex ezatt jikkonsisti l-ksur lamentat. Dana huwa essenzjali li jsir, biex dik il-persuna tkun f’pozizzjoni li tirregola ruhha billi, jew tottempera ruhha ma’ l-avviz jew tiehu l-passi necessarji biex tiddefendi ruhha … … Ghalhekk hija l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, li l-Awtorita’ ghandha l-obbligu li tkun preciza, u mhux sempliciment generika, meta tohrog avvizi simili.”* Dan jenfasizza, jekk kien hemm aktar bzonn, li l-aggravji quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar jigu debitament u korrettament deliberati u trattati fid-decizjonijiet moghtija mill-istess Bord imsemmi f’kull kaz u fil-konfront ta’ kull aggravju, aktar u aktar dwar il-validita’ ta’ l-att jew l-avviz imsemmi, u fil-kuntest tal-principji legali hawn ikkunsidrati u quddiem l-istess organu sottomessi.

Illi konsegwentement id-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar hija nulla u bla effett *stante* li jirrizulta car li l-istess decizjoni ma kkonsidratx l-aggravji ta’ l-appellanti quddiem anke fil-kuntest tas-sottomissjonijiet li saru

quddiem l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, kif ukoll fil-kuntest ta’ dak provdut it-termini ta’ l-**artikolu 52 (4) tal-Kap 356.** In vista ta’ dan din il-Qorti ma thossx li ghandha tidhol f’dak kontenut fil-hames (5) paragrafu tar-rikors tar-rikorrenti.

Illi ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi milqugh ghar-ragunijiet premessi.

**III. KONKLUZJONI**.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta’ l-Awtorita’ appellata fir-risposta taghha datata 17 ta’ Marzu 2004, **tilqa’ l-appell interpost minn Paul Polidano fir-rikors ta’ l-appell tieghu datat 8 ta’ Ottubru 2003,** fis-sens biss hawn deciz, b’dan illi tannulla d-decizjoni appellata tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **“Paul Polidano vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar” tas-26 ta’ Settembru 2003** u konsegwentement tibghat lura u tirrinvija l-atti kollha lill-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, sabiex fid-dawl ta’ din is-sentenza jiddisponi mill-kaz skond il-ligi.

Illi l-ispejjez ta’ din id-decizjoni jibqghu a karigu ta’ l-Awtorita’ appellata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------